**ST JEANNE ANTIDE FOUNDATION**
51 Tarxien Road, Tarxien TXN 1090
email: macen.sjaf@gmail.com
Tel. 21808981; 21809011; 27672367
www.antidemalta.com
*Registration number*: VO/0005

# It-Talba tal-Qraba
## li jieħdu ħsieb l-għeżież tagħhom b'mard mentali

Mulej ħanin, għinni biex nifhem aħjar,
u nemmen li nista' nagħmel, dak li trid minni.

Aħfirli għad-drabi kollha, anke issa,
meta naħsel niddubita minnek.

Hekk kif inkun għaddejja bix-xogħol tal-indukrar,
agħtini l-ħeġġa biex inkompli.

Hekk kif nilmaħ lill-għażiż tiegħi mhux f'sikktu,
agħtini s-saħħa.

Drajtni biżżejjed nistaqsik: "Imma 'l għala din it-tbatija, Mulej?"
Agħtini l-għerf biex nifhem.

Hekk kif fil-familja kultant noqogħdu niftakru x'għadda mingħalina qabel il-marda,
agħtina mumenti biex nidħqu daħqa sew.

Hekk kif qed insir naf b'mod ġdid lill-għażiż tiegħi marid u
qed nagħraf il-qawwiet u dgħufijiet tiegħu, imlini bit-tama u bil-ferħ.

Hekk kif inpoġġi ħdejh sakemm il-mediċina tieħu effett,
imlini bil-faraġ.

Meta nħossni se nixpakka bit-toqol tat-tbatija,
agħtini l-qawwa biex ma naqtax qalbi.

Agħtini rokna mimlija ħemda,
ħalli fiha nsib lilek u l-anzjetà tħallini.

Għinni ninbidel minn persuna mimlija għejja, dwejjaq, rabja u riżentimenti,
għal persuna li tfur bl-imħabba u mogħdrija, kif tassew nixtieq li nkun.

Ibqa' s-sieħeb kostanti tiegħi Mulej hekk kif inkompli niffaċċja
l-isfida tar-risponsabbiltà li nieħu ħsieb il-membru għażiż tal-familja li hu marid.
U meta jasal iż-żmien li nieqaf mill-indukrar,
u jkun il-ħin li nerħi,
għinni niftakar li l-għażiż tiegħi marid hu dejjem f'idejk. Ammen.